# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAD-19 TA' OTTUBRU, 2023**

**Kawża Numru: 12**

**Rik. Ġur. 1429/1999 RGM**

**Joseph Chetcuti Bonavita u David Cassar,**
**u b'digriet tat-12 ta' Awissu 2014 l-atti ġew trasfużi f'isem Kurt Bonavita u Karl Chetcuti Bonavita stante l-mewt ta' Joseph Chetcuti Bonavita.**

**vs.**

**Edward J. Fuchs f'ismu proprju u bħala direttur u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera "Gunny Oilfield Services Limited"; b'digriet tat-30 ta' Mejju 2000 l-atti ġew leġittimati f'isem Dr Joseph Zammit Maempel bħala mandatarju tal-assenti Edward J Fuchs u tas-soċjeta' konvenuta; u b'digriet tat-30 ta' Novembru 2010 l-atti ġew trasfużi f'isem Teresa Micallef stante l-mewt ta' Edward J. Fuchs.**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

2. Permezz taċ-ċitazzjoni tagħhom l-atturi ppremettew u talbu s-segwenti:

> "Billi l-atturi kienu ġew informati li kien hemm soċjeta' estera fil-Libya li kienet qed tfittex kanen (pipes) industrijali u servizz ta' tqegħid ta' 'pipes' u fittings għal proġett jew proġett kbar f'dak il-pajjiż;
>
> U billi huma kienu jafu tajjeb lill-konvenut u l-kumpanija tiegħu li kienu jagħmlu xogħolijiet ta' 'water wells' u li kellhom esperjenza u anke uffiċju fi-Libya f'dan il-qasam, l-atturi ikkuntatjaw lill-konvenut bil-proposta u laqqgħuh kemm mal-Aġent f'Malta tad-ditta Libjana …. U kif ukoll permezz ta' dan mad-ditta Libjana nfisha (Hoje Trading Limited);
>
> U billi tkomplew in-negozjati u, ghalkemm irrizulta li l-konvenut jew il-konnessjonijiet tiegħu fl-esteru ma setgħux proprjament jaqdu malarj ir-rikjesta dwar kanen u aċċessorji, xorta waħda sehh negozju bejn il-partijiet koncernati ghax sar kuntratt bejn Gunny Oilfield Services Limited (rapprezentata mill-konvenut) u Haja Trading Limited (Libya) – reġistrata Ċirpru (u rapprezentata f'Malta kif diga inghad) fit-12 ta' April 1999;
>
> U billi sal-aħħar mument tal-ftehim l-atturi mhux biss ħadu parti attiva fin-negozjati u ħadmu fl-interess tal-konvenut kemm proprio kif ukoll nomien - izda saħansitra huma kien wegħdhom li jimpjeghom it-tnejn fl-operazzjonijiet kummerċjali li kien u qed jiġu konklużi, billi jkunu r-rapoprezentanti u managers wieħed bażat il-Libja u l-ieħor bażat f'Malta –

u dan kollu jikkonfermah ir-rapprezentant Malti tal-parti Libjana, cioe Marco Barthet, li sahansitra nizzel l-ismijiet taghom fuq id-'draft' originali tal-kuntratt kummercjali bejn 'Gunny' u 'Hoye';

U billi l-konvenut meta wasal għall-firma tal-imsemmi kuntratt (li jinvolvi possibilitajiet ta' proġetti u xogħolijiet fil-Libja) f'daqqa waħda beda jaħbilhom u jinjorhom, tant li kellhom jiskopru huma li kien ġej Malta f'data partikolari biex jiffirmaw il-kuntratt;

U peress li mhux talli ġiegħel lil Marco Barthet biex jneħħi l-ismijiet tal-atturi mill-kuntratt finali (daqs li kieku ma eżistews) iżda anke ingaġġja persuni oħra biex jagħmlu x-xogħol li kien imwiegħed lilhom;

U peress li huma marru personalment fil-post fejn kien se jiġi ffirmat il-kuntratt u ipprotestaw b'dan kollu iżda xorta waħda ġew imwarrba mill-konvenut;

U peress li b'ittra tagħhom tal-14 ta' April 1999 huma ippreċiżaw id-drittijiet tagħhom għal senserija dwar il-kuntratt iffirmat u għal kumpens dwar ksur tal-ftheim għall-impieg permanenti tagħhom fil-proġett relattiv, iżda l-konvenut qed jiċħad l-obbligi tiegħu u ma jridx jasal fi ftehim bonarju;

Jgħid il-konvenut tant proprio kif ukull nomine għaliex ma għandix din l-Onorabbli Qorti:-

(1) Tiddikjara l-konvenut responsabbli lejn l-atturi kemm għal ħlas tas-senserija xierqa talli introduċew u n-negozju konċernat u wassluh sa stadju finali; u kemm għal kumpens talli bla ebda raġuni valida kiser il-ftehim li kellhom biex jiġu impjegati fit-tul fil-proġett tal-Libja;

(2) Tillikwida s-senserija dovuta u kif ukoll il-kumpens dwar ksur tal-ftehim fuq imsemmi, okkorrendi bl-opera ta' periti;

(3) Tikkundanna lill-konvenut u s-soċjeta' konvenuta solidalment bejniethom jew min minnhom, biex iħallsu l-ammonti hekk likwidati fi żmien perentorju u bl-imgħax legali mid-data tal-iskrittura tat-12 ta' April 1999.

3. Permezz tan-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti eċċepew żewġ eċċezzjonijiet preliminari: (i) illi l-konvenut proprio għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi huwa personalment ma għamel ebda negozju u ma iffirma ebda kuntratt ma' ebda persuna in konnessjoni mal-kwistjoni mertu tal-kawża; u (ii) in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin fuq is-soċjeta' konvenuta billi hija soċjeta' estera bl-uffiċju reġistrat fl-esteru.

4. Wara li sar skambju ta' noti ta' osservazzjonijiet dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-istess.

5. Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat;

6. Permezz tal-kawża odjerna l-atturi Joseph Chetcuti Bonavita et. ħarku lill-konvenut Edwar J Fucks f'ismu proprju u f'isem kumpanija tiegħu reġistrata fl-esteru għall-ħlas ta' senserija kif ukoll għall-ħlas ta' kumpens talli l-konvenut ma onorax il-ftehim li allegatament laħaq mal-atturi li jimpjeghom fi proġett ġewwa l-Libja, liema proġett skond l-atturi kien ser iseħħ bl-intervent u bil-ħidma tagħhom.

7. Wara li l-konvenut ġie nieqes il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Teresa Micallef..

8. Fil-vesti personali tiegħu il-konvenut Fuchs kien eċċepixxa li ma hux il-leġittimu kontradittur in kwantu huwa personalment qatt ma għamel l-ebda negozju u qatt ma ffirma xejn personalment in konnessjoni mal-proġett mertu tal-kawża; filwaqt li fil-vesti ta' rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta eċċepixxa n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti stante li l-kumpanija hija reġistrata fl-esteru.

9. Fil-mertu il-pretensjonijiet ġew ukoll kontestati peress li skond il-konvenut, l-atturi ma għamlu l-ebda atti ta' senserija. Ġiet ukoll kontestata l-allegazzjoni tal-atturi illi huwa kien ikkommetta ruħu magħhom li jimpjeghom in relazzjoni mal-proġett ġewwa l-Libja.

10. Ġara illi fis-6 ta' Mejju 2003, erba' snin wara li kienet ilha intavolata l-kawża, meta l-atturi kienu waslu sabiex jagħlqu l-provi tagħhom dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, l-attur Joseph Chetcuti Bonavita ippreżenta affidavit addizzjonali fejn jgħid "...li jien kont qed inqalleb fil-karti li ghandi id-dar u sibt dokument li ghadu qatt ma gie esibit u li qed nesibixxi mal-presenti - dan igib id-data tat-03 ta' Dicembru 1998.

11. Il-konvenut ikkontesta l-firma tiegħu fuq dak id-dokument u din il-qorti diversament presjeduta ħatret bħala perit kaligrafu lis-Sur Gaffiero li b'rapport ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2005 u maħluf fis-27 ta' April 2005 irrelata illi "... *niġi għall-konklużżjoni – issa purament grafika - li għar-raġunijiet li ġa semmejt, jiġifieri dawk ta' kostruzzjoni, ħeffa, inklinazzjoni, forma u aspett ġenerali, insostni li l-firma li tidher fuq Dok. 'O' a fol 238 hija ġenwina u hi magħmula minn Edward J. Fuchs*."

12. Fuq talba tal-konvenut, din il-Qorti diversament presjeduta kienet ħatret periti addizzjonali li irrelataw illi l-firma fuq Dok 'O' a fol 238 ma kenitx tal-konvenut. Wara li saret l-eskussjoni tal-periti addizzjonali l-atturi saru jafu b'ċirkostanzi dwar wieħed mill-periti addizzjonali li wassalhom sabiex

jitolbu l-isfilz tar-rapport tal-periti addizzjonali. B'digriet tal-24 ta' April 2015 l-ewwel qorti kienet ċaħdet dik it-talba. L-atturi appellaw minn dak id-digriet u b'sentenza tad-29 ta' April 2016 il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell u ordnat l-isfilz milll-atti tar-rapport tal-periti addizzjonali.

13. Din il-Qorti diversament presjeduta kienet għaddiet sabiex ħatret żewġ periti addizzjonali oħra wieħed residenti f'Malta, ieħor residenti fl-esteru. Meta l-perit addizzjonali Malti mar sabiex jirtira mill-proċess id-dokument oriġinali li kien meħtieġ jiġi eżaminat dwar il-firma tal-konvenut, dan id-dokument ma nstabx fl-atti.

14. Irriżulta illi d-dokument 'O' a fol. 238 is-suġġett tal-perizja, kien ġie irtirat minn wieħed mill-ewwel periti addizzjonali iżda wara li ġie rritornat l-inkartament tagħhom dan id-dokument ma deherx aktar in atti. Dan jirriżulta minn verbal ta' seduta quddiem din il-qorti diversament presjeduta tal-14 ta' Mejju 2018 fejn l-espert kaligrafu addizzjonali Joseph Mallia informa lill-Qorti illi d-dokument bil-firma oriġinali ma kienx instab fil-proċess.

15. Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019 quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta xhedu ż-żewġ periti addizzjonali li r-rapport tagħhom kien ġie sfilzat. Informaw lill-Qorti illi d-dokument oriġinali kien ġie ritornat mar-relazzjoni tagħhom.

16. Sallum dan id-dokument oriġinali baqa' ma nstabx.

17. Il-konvenuti baqgħu jinsistu għall-perizja perizjuri f'dawk iċ-ċirkostanzi u għalhekk il-qorti sejħet lill-espert kaligrafu Mallia għas-seduta tas-27 ta' Ġunju 2019 fejn spjega id-diffikultajiet li espert kaligrafu jirriskontra meta jiġi mitlub li jirrelata dwar l-awtur ta' firma minn fuq fotokopja u mhux minn fuq l-oriġinal.

18. Il-Qorti għalhekk b'digriet tal-5 ta' Awissu 2019 idderiġiet lill-periti addizzjonali maħtura l-aħħar u cioe' Joseph Mallia u Susan Ord, sabiex (i) jieħdu konjizzjoni tal-firem fuq id-dokumenti kollha indikati mill-atturi b'nota tat-2 ta' Awissu 2019 u d-dokumenti indikati mill-konvenuta b'nota tal-25 ta' Lulju 2019; (2) jieħdu konjizzjoni mhux tar-rapport sfilzat iżda biss tal-ingrandimenti magħmula mill-periti addizzjonali preċedenti tad-dokument li ma nstabx u xejn aktar.

19. B'rikors tat-28 ta' Mejju 2020 l-espert kaligrafu Joseph Mallia talab li jingħata l-permess sabiex jiffotografa permezz ta' mikroskopju u machro lenses il-kopja tal-firma (ingrandita) li kienu għamlu l-esperti addizzjonali preċedenti, liema talba ġiet akkordata b'digriet tad-29 ta' Mejju 2020.

20. L-esperta kaligrafa Susan Ord f'email tat-2 ta' Ġunju 2020 mibgħuta lill-espert l-ieħor Joseph Mallia b'risposta għall-email li rċeviet mingħandu dwar jekk tqisx li tista' tirrelata b'dak li irċeviet irrispondiet hekk:

> "Is your point 1 below asking if the signature is good enough quality to examine? If so, it is not ideal quality but I've seen a lot worse. It could be used if that is the best sample available. When examining a copy, I usually find that my opinion is less certain as pressure cannot be examined and ink stroke is vague."

21. B'digriet tal-10 ta' Ġunju 2020 l-Qorti (1) kkonfermat id-digriet preċedenti tagħha tal-5 ta' Awissu 2019 li permezz tiegħu kienet ordnat lill-esperti addizzjonali jieħdu konjizzjoni tal-ingrandimenti magħmula mill-periti addizzjonali preċedenti li kienu saru minn fuq id-dokument oriġinali, eventwalment mitluf/misruq[1], u kkonfermat in-nomina ta' Susan Ord bħala esperta addizzjonali flimkien ma' Joseph Mallia.

---

[1] Dana għaliex fir-rapport tal-ewwel espert kaligrafu Joseph Gaffiero (fol 293) ma kienux saru ingrandimenti tal-firma kontestata.

22. Fit-12 ta' Mejju 2021 il-periti addizzjonali Mallia u Ord ippreżentaw ir-rapport tagħhom fejn in konklużżjoni jikkonkludu illi:

> "After careful examination of the questioned signature and comparison signatures it is our agreed opinion that the questioned signature 238 is **probably not written by Mr E Fuchs.**"

23. Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2022 saret l-eskussjoni tal-periti addizzjonali.

24. Fid-9 ta' Marzu 2022 l-atturi ppreżentaw rikors fejn talbu l-isfilz tar-rapport tal-periti addizzjonali peress li skond l-atturi, (i) l-periti addizzjonali ma mxewx dilġentement ma' dak ordnat mill-Qorti, (ii) lanqas imxew ma' dak li kien miftiehem bejn il-partijiet, u (iii) ir-relazzjoni addizzjonali ma jistax ikollha u ma ghandha assolutament ebda validita' legali, liema rikors ġie miċħud.

25. Dan id-dokument is-suġġett tal-perizji jaqra' kif ġej:

> "Today the third (3) day of December of the year nineteen hundred and ninety eight (1998)
>
> I the undersigned Edwar John Fuchs, .....on the one side. And
>
> David Joseph Cassar ....... and
>
> Joseph Chetcuti Bonavita .
>
> The two Parties agree that as of today Mr David Joseph Cassar and Mr Joseph Chetcuti Bonavita are employed with Mr Edward John Fuchs to consolidate the present business to find and pursue new prospects for Mr Edward John Fuchs Company (Gunny Oilfields Services Ltd) with a remunerations of Two Thousand U S Dollars ($2, 0000) each per month. This would commence within three (3) Months from today The third (3) day of December nineteen hundred and ninety eight."

26. L-attur Chetcuti Bonavia xhed illi għal ħabta ta' Ottubru/Novembru 1998 huwa kien ġie introdott mal-konvenut Edward Fuchs. Il-konvenut kien qallu

li għandu kumpanija topera fil-Libja u kellu diffikulta' sabiex imur il-Libja minħabba li hemmhekk kellu kawżi pendenti kontra tiegħu. Qallu wkoll li kien qiegħed fi tratativi sabiex ibiegħ il-kumpanija għal żewġ miljun dollaru u li martu, li kellha l-prokura tiegħu, ma kenitx qed ittih informazzjoni dwar il-kumpanija peress li kienu miġġildin. Mistoqsi jekk qatt kien għamel xi kuntratt mal-konvenut personali jew mal-kumpanija tiegħu l-attur Chetcuti Bonavita xhed hekk:

"Kuntratti? No, qatt … it was always by word of mouth. Infatti bagħtni l-Libya on his own accord jiġifieri, ħallasli l-biljett, ħallas kollox. Li kieku ma kontx qed naħdem għan-nom tiegħu għax we had an understanding li l-Libya jien ser nibda mmur kontinwament, every three weeks, every four weeks, dak kien l-arranġament, imma dejjem by word of mouth. Eddie never made any contracts on these lines."

27. Jgħid illi ftit ġimgħat wara li sar jaf lill-konvenut huwa kien sar jaf li kumpanija kienet qed tfittex sħab fil-Libya fuq proġett ta' tqegħid ta' *pipes* fuq medda ta' mitejn (200) mil. Iltaqa' ma' rappreżentant ta' din il-kumpanija, ċertu Mario Barthet, spjegalu l-proġett u laqqgħu mal-konvenut. Jgħid li bis-saħħa tal-atturi il-kumpanija rappreżentata minn Mario Barthet u l-kumpanija tal-konvenut waslu fi ftehim dwar proġett fil-Libya. Jgħid illi bħala parti minn dak il-ftehim l-atturi kienu ser ikunu ingaggati bħala impjegati. Bħala prova ta' dak il-ftehim eżebixxa 'Draft Agency Agreement'[2] bejn il-kumpanija konvenuta Gunny Oil Field Services Ltd u Hoje Trading Ltd. Fuq dak l-abbozz jingħad ili kien qed isir ftehim bejn il-kumpanija konvenuta bħala "Principal" u l-kumpanija Hoje Trading Ltd bħala 'Consultants' fejn il-kumpanija konvenuta kienet qed tappunta lis-soċjeta' Hoje Trading Ltd sabiex: "A. To Supervise the existing Management of Gunny Operations in Libya. B. To Represent Principal in new projects. Consultants … are hereby given the Full and Exclusive rights for All Products and Services manufactured or represented by Gunny Oilfields Services Ltd in Libya for a period of one year

[2] A fol. 6 tal-proċess

commencing 1st April 1999.". Fuq dak l-abbozz hemm imnizzel l-ismijiet tal-atturi bħala r-rapprezentanti tas-soċjeta' konvenuti hawn Malta. Jgħid illi wara li l-atturi laqqgħu lill-konvenut ma' Mario Barthet u n-negozjati waslu għal ftehim il-konvenut qala lill-atturi 'il barra. Jgħid li eventwalment il-ftehim bejn iż-żewġ kumpaniji ġie ffirmat pero' l-atturi inqalgħu il-barra minnu

28. L-atturi qed jitolbu senserija għas-servizzi li għamlu sabiex sar dak il-ftehim bejn il-kumpanija konvenuta u s-soċjeta' Hoje Trading Ltd. Qed jitolbu wkoll danni talli kienu mwiegħda impieg li ma mmaterjalizzax ruħu.

**L-Eċċezzjoni li l-konvenut Edward J Fuchs proprio ma hux Leġittimu Kontradittur**.

29. Il-Qorti tqis illi d-dokument A li hu l-abbozz tal-ftehim ippreżentat mill-istess atturi ixejjen il-pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tal-konvenut personalment. Is-senserija titħallas mill-partijiet li jkunu innegozjaw u waslu fi ftehim u mhux minn terzi, sakemm ma jkunx hemm arraġament ċar u bil-miktub li s-senserija ser titħallas minn terza persuna.

30. **Artikolu 1361(2) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi illi:

"Is-senserija ……………. jitħallsu nofs mill-bejjiegħ u n-nofs l-ieħor mix-xerrej."

31. In-negozjati isiru dejjem minn persuni fiżiċi pero' jekk dawn il-persuni fiżiċi qed jinnegozjaw f'isem soċjeta' kummerċjali debitament reġistrata, u hemm jedd għal senserija, hija s-soċjeta' kummerċjali id-debitur tas-senserija u mhux ir-rappreżentant tagħha personalment. Il-Qorti għalhekk ma tarax kif jistgħu l-atturi jippretendu senserija mingħand il-konvenut personalment meta *ex admissis* in-negozjati li skond l-atturi waslu għal ftehim bil-ħila

tagħhom kienu qed isiru bejn is-soċjeta' konvenuta Gunny Oil Field Services Ltd u s-soċjeta' Hoje Trading Ltd.

32. L-istess konsiderazzjoni ssir fir-rigward tal-pretensjoni tal-atturi għad-danni għaliex ġew imwegħda impieg kif jidher mill-abbozz tal-ftehim liema wegħda skond l-atturi ġiet miksura. L-impieg imwiegħed ma kienx ser ikun mal-konvenut personalment iżda mal-kumpanija konvenuta.

33. Hawn jidħol in xena dak id-dokument li l-ewwel tfaċċa fl-atti erba' snin wara li ġiet istitwita l-kawża bl-iskuża tal-attur Chetcuti Bonavita tkun li sabu għaliex kien qed iqalleb il-karti; liema dokument imbagħad osfor mill-atti wara l-ewwel perizja addizjonali. Il-konvenut Fuchs ikkontesta dak id-dokument u sostna li l-firma ma kenitx tiegħu. L-ewwel perizja kaligrafa kkonkludiet li l-firma kient tal-konvenut Fuchs. It-tieni perizja addizzjonali ikkonkludiet li probabilment il-firma ma hiex ta' Fuchs. Huwa minnu li fit-tieni perizja addizzjonali l-esperti addizzjonali ma kellhomx għad-disposizzjoni tagħhom id-dokument oriġinali; pero' kellhom għad-disposizzjoni tagħhom l-ingrandimenti li kienu saru fl-ewwel perizja addizzjonali sabiex jaslu għall-konklużjoni tagħhom. Ta' min jissottolinea wkoll li r-relazzjoni tal-ewwel perit kaligrafu ma kenitx ibbazata fuq analizi bil-mezz ta' ingrandimenti; iżda biss dwar konstatazzjonijiet okulari. Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi għandha tadotta r-relazzjoni tal-periti addizzjonali u tqis illi l-firma fuq dan id-dokument ma hiex tal-konvenut Fuchs.

34. Pero' anke jekk għas-saħħa tal-argument biss kellha tikkonsidra li dan huwa dokument awtentiku; ta' min jinnota illi fuq dak id-dokument Fuchs ma deherx f'ismu personali biss iżda wkoll bħala rappreżentant tal-kumpanija konvenuta. Fih jingħad ukoll illi l-atturi "are employed with Mr Edward Fuchs to consolidate the present business to find and pursue new prospects for Mr Edward John Fuchs Company (Gunny Oilfields Services Ltd) with a renumeration........"

35. Għalhekk dan id-dokument moqri flimkien mal-abbozz tal-ftehim bejn il-kumpanija konvenuta u l-kumpanija Hoje Trading Ltd fejn jissemmew l-atturi bħala impjegati tal-kumpanija konvenuta jwassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni illi l-wegħda li allegatament għamel Fuchs lill-atturi ma kienitx ta' impieg miegħu personalment iżda mal-kumpanija konvenuta.

**36. Konsegwentement issib illi l-eċċezzjoni tal-konvenut proprio li ma hux leġittimu kontradittur hija fondata.**

**L-Eċċezzjoni ta' Nuqqas ta' Ġurisdizzjoni tal-Qorti peress li s-soċjeta' konvenuta hija soċjeta' estera**.

37. Ma hux kontestat bejn il-partijiet illi s-soċjeta' konvenuta hija reġistrata fl-esteru. Hemm qbil bejn il-partijiet illi tenut kont meta ġiet intavolata l-kawża odjerna l-artikolu applikabbli dwar il-ġurisdizzjoni huwa artikolu 742 tal-Kap. 12.[3]

38. Skond **Artikolu 742 (1) (f) tal-Kapitolu 12** il-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni li jisimgħu u jiddeċiedu kawzi li jirrigwardjaw kull persuna, għal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew korp li jkollu personlita' ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita' f'Malta.

39. Mhux kontestat li l-atturi huma ċittadini Maltin. Mhux kontestat lanqas illi b'effett ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 4305/1999 maħruġ fuq talba tal-atturi kontra s-soċjeta' konvenuta ġiet sekwestrata s-somma ta' sittin elf lira Maltija li tinsab depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti. Dan ma ġiex kontestat mis-soċjeta' konvenuta, lanqas waqt it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet quddiem il-Qorti wara li kienu skambjaw in-noti ta' osservazzjonijiet

[3] Ara paġna 10 tan-nota' ta' osservazzjonijiet tal-atturi (fol. 795)

tagħhom fejn l-atturi issottolinejaw dan id-depożitu. Isegwi għalhekk illi fil-ġurisdizzjoni Maltija hemm fondi tas-soċjeta' konvenuta illi fl-eventwalita' ta' eżitu favorevoli għall-atturi l-ammont talvolta kanonizzat ikun jista' jitħallas. (**Euroclub Holidays Company Limited v. Dr Renzo Porsella Flores et. noe.** - Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) - 8 ta' Ġunju, 2006)

40. Ghalhekk il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin hi radikali fl-artikolu 742 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta.

**41. Ghaldaqstant it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta qed tiġi respinta.**

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi,

1. **Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni, tiddikjara illi l-konvenut Edward J. Fuchs ma hux leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna; konsegwentement tillibera lill-konvenuta Teresa Micallef mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. **Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni, tiddikjara illi l-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni jisimgħu il-kawża odjerna ai termini tal-Artikolu 742 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta.

**Spejjeż** dwar l-ewwel eċċezzjoni a karigu tal-atturi.

**Spejjez** dwar it-tieni eċċezzjoni a karigu tas-soċjeta' konvenuta.

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**

19 ta' Ottubru, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**